MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 1028/2011

**Diana ZAREVA [ID. Nru. 69430A]**

**Vs**

**Hotel San Antonio p.l.c.**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-15 ta' Dicembru, 2011** u li permezz taghha hija talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin euro u sitt ċenteżmi ta' euro [€3,494.06] u dan wara li ppremettiet hekk:

"L-attrici kienet impjegata mis-socjeta konvenuta bhala chambermaid fuq bażi part-time. Minkejja illi kienet hekk impjegata, l-attrici kienet tahdem numru ta' sieghat li jiżboq l-40 siegha fil-gimgha u ghaldaqstant, kellha tkun intitolata ghall-hlas tal-beneficcji ta' l-impjieg kollha, inkluż

iz-zmien li ghamlet marida, l-vaganzi pubbliċi kif ukoll il-granet ta' leave.

Is-socjeta konvenuta dejjem hallset lill-attrici bir-rata ta' €4.08 is-siegha u qatt ma hallsietha ghall-overtime jew ghall-beneficcji ta' l-impjieg li kienet intitolata ghalihom.

L-attrici qeghda tillimita t-talba taghha ghal €3,494.06"

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata** minnha mressqa fis-17 ta' Jannar, 2012 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"L-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili;

Sussidjarjament u minghajr preġudizzju ghall-premess illi s-socjeta konvenuta mhiex debitrici tal-attrici ghas-somma mitluba.

Salv eċċezzjonijiet ohra".

Ra l-verbal datat 6 ta' Marzu, 2012 fejn il-partijiet qablu li l-proceduri jitkomplew bil-lingwa Ingliza, b'dan illi l-atti ġudizzjarji preżentati s'issa ghandhom jibqghu bil-Malti.

Ra ukoll li fil-verbal datat 6 ta' Marzu, 2012 kien gie deċiż mit-Tribunal li l-kawza kienet giet differita "*... for all the evidence of all the parties regarding the plea of prescription*".

Ra ukoll il-verbal datat 2 ta' Mejju, 2012 fejn it-Talba odjerna ġiet differita "*... for all the evidence of the plea of prescription for the 13th June, 2012 at 13:00p.m.*".

Ra l-verbal datat 7 ta' Novembru, 2013 fejn il-partijiet qablu li s-sentenza tista tinghata bil-lingwa Maltija.

Ra l-verbal tas-7 ta' Novembru, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti, inkluż id-dokumentazzjoni esebita;

Ikkunsidra:-

1. **Din is-sentenza hija limitata dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni rikorrenti mqanqla mis-socjeta intimata a tenur ta’ l-artikolu 2147(c) tal-Kapitolu 16.**

2. Permezz ta’ din it-Talba, r-rikorrenti qeghda titlob minghand is-socjeta intimata l-hlas tas-somma ta’ €3,494.06, liema ammont huwa dovut lilha peress li hija kienet tahdem bhala *part-time chambermaid* mas-socjeta intimata ghal numru ta’ sieghat li jiżboq l-erbghin (40) siegha fil-gimgha u ghaldaqstant, kellha tkun intitolata ghall-hlas tal-beneficcji ta’ l-impjieg kollha, inkluż iz-zmien li ghamlet marida, l-vakanzi pubbliċi kif ukoll il-granet ta’ *leave*. Tkompli tghid li s-socjeta intimata dejjem hallset lir-rikorrenti bir-rata ta’ €4.08 fis-siegha u qatt ma hallsietha ghas-sahra jew ghall-beneficcji ta’ l-impjieg li kienet intitolata ghalihom. Is-socjeta intimata laqghet ghal din ix-xilja billi qalet li l-azzjoni intentata mir-rikorrenti hija perenta a tenur ta’ l-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili u li sussidjarjament u minghajr preġudizzju ghall-premess is-socjeta intimata ma hijiex debitrici tar-rikorrenti ghas-somma mitluba.

Ikkunsidra;

3. **L-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili** jaqra hekk:

*2147. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’ sena:*

*(ċ) l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni oħra mħallsin bix-xahar, tal-artiġjani jew tal-ħaddiema bil-ġurnata, għall-ħlas*

*tal-ġranet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-forrnituri li jkollhom jieħdu*;

4. Skond in-nota tar-rikorrenti minnha ppreżentata fid-29 ta’ Marzu, 2012 hija ddikjarat li hi kienet tahdem mas-socjeta intimata bejn it-28 ta’ Frar, 2009 u s-6 ta’ Settembru, 2011. Dan il-perjodu gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti fis-seduta tat-18 ta’ April, 2012. It-Talba odjerna ġiet intavolata fil-15 ta’ Dicembru, 2011.

5. Jibda biex jinghad li r-regoli tal-preskrizzjoni minhabba n-natura taghhom u l-effett li jgibu maghhom fuq l-azzjoni rikorrenti, ghandhom jinghataw tifsira ristretta u ma jitwessghux b’analogija jew implikazzjoni (Ara **Noel Ellul noe vs Francis Vella noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-8 ta’ Mejju, 2001). Ghalhekk, jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra is-socjeta intimata. Dan ma jfisser bl-ebda mod li r-rikorrenti hija mehlusa milli tressaq provi konvincenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet taghha;

6. Imbaghad, f’kaz fejn iz-zmien jigi ppruvat, il-piz tal-prova li dak iz-zmien gie miksur jaqa fuq il-parti rikorrenti (Ara **Micallef vs Belle McCance** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-30 ta’ Mejju, 1952 u **Emanuel Pace vs Fredu Fenech**, deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Sede Kummercjali) fl-20 ta’ Marzu, 1978).

7. Fil-kawza fl-ismijiet **Caterina Gerada et vs Dr. Antonio Caruana** deċiża mill-Qorti ta’ l-Appell fit-30 ta’ Mejju, 1969 gie deċiż li l-parti li teccepixxi l-preskrizzjoni kellha d-dritt li tinsisti mal-Qorti li hija tiddeċiedi l-kwistjoni tal-preskrizzjoni qabel ma tiddeċiedi l-kwistjonijiet l-ohra mqanqla. Hekk ser jiġri fil-kaz tal-lum. It-Tribunal sejjer jiddeċiedi, anke l-ghaliex dak kien l-intendiment, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni imqanqal mis-socjeta intimata l-ewwel u qabel kollox.

8. Mill-provi akkwiziti, jirrizulta li r-rikorrenti qeghda titlob hlasijiet li hija tghid li ma ircevietx minghand is-socjeta rikorrenti stante li hija filwaqt li kienet ingaggata bhala *part time chambermaid* kienet tahdem ammont ta sieghat li jissuperaw l-erbghin (40) siegha fil-gimgha u ghalhekk hija kienet intitolata ghall-hlas tal-beneficcji ta' l-impjieg kollha, inkluż iz-zmien li ghamlet marida, l-vakanzi pubbliċi kif ukoll il-granet ta' *leave*. Ir-rikorrenti ġiet ingaggata mas-socjeta intimata fit-28 ta' Frar, 2009 u l-impjieg taghha gie terminat fis-6 ta' Settembru, 2011. Mad-daqqa t'ghajn, jidher li s-socjeta intimata ghandha raġun ghall-parti mit-Talba tar-rikorrenti u cioe ghal perjodu 28 ta' Frar, 2009 u 10 ta' Dicembru, 2010. Ma huwiex ikkontestat li kull ammont dovut, jekk huwa dovut, mill-11 ta' Dicembru, 2010 sas-6 ta' Settembru, 2011, ma huwiex kolpit b'din l-eccezzjoni.

9. It-Tribunal però ma jaqbilx ma din l-eccezzjoni tas-socjeta intimata u dan ghas-segwenti raġunijiet:

i. Fil-kawza fl-ismijiet **Emmanuele Calleja vs Anthony Portelli noe** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummerc) fid-29 ta' Novembru, 1971 inghad li "... *iz-zmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b'referenza ghall-azzjoni kif bażata ....*".

ii. Issa f'dan il-kaz, ir-rikorrenti qeghda tallega li l-kundizzjonijiet ta' impjieg taghha ma kienux ta' *part timer* u dan peress li hija effettivament kienet tahdem aktar minn erbghin (40) siegha fil-gimgha u li ghalhekk hija kienet intitolata ghall-hlas tal-beneficcji ta' l-impjieg kollha, inkluż iz-zmien li ghamlet marida, l-vakanzi pubbliċi kif ukoll il-granet ta' *leave*. Dan ifisser li skond ir-rikorrenti, li d-datur tax-xoghol taghha u cioe s-socjeta intimata kienet qeghda tmur kontra **l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452)**. Dan il-Kapitolu tal-Ligi qieghed hemm sabiex, inter alia, jipproteġi lil impjegati u d-drittijiet li huma ghandhom ghal

remunerazzjoni minima kif ukoll ghal ċertu benefiċċji li huma intitolati ghalihom. Fil-fatt insibu fl-**artikolu 42 tal-Kap. 452** li meta jkun hemm, f'kuntratt ta' servizz, xi kundizzjoni ta' impjieg li jkunu anqas favorevoli ghall-impjegat minn dawk speċifikati fi jew taht dan l-Att, dawn (il-kundizzjonijiet fil-Kap. 452) ghandu jkollhom effett daqslikieku minflok dawk il-kundizzjonijiet li huma anqas favorevoli ghall-impjegat. Dan ifisser, kif anke gie deċiż fil-kawza **Quintano vs Philips et** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Lulju, 1969 illi dawn il-provvedimenti ta' dan l-Att huma ta' ordni pubbliku u allura kif iddeċidiet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet **Carmen Argento vs Giovanna Parascandolo** nhar l-10 ta' Marzu, 1971 "*... kull ftehim kuntrarju ghad-disposizzjonijiet tal-Att imur kontra l-ordni pubbliku ghaliex dawn id-disposizzjonijiet huma mil-ligi konsidrati mhux rinunzjabbli, u konsegwentement kull ftehim kuntrarju ghal dawn id-disposizzjonijiet tal-Att ikun bażat fuq kawża illeċita u kwindi min jiksru ma jistax jinvoka favur tieghu l-preskrizzjoni*". It-Tribunal, bi qbil ma din is-sentenza hawn fuq citata jara li "*jekk hemm lok ghal-preskrizzjoni dina ghandha tibda se mai minn mindu jispiċċa l-impjieg u mhux fil-kors tieghu*".

iii. Ukoll, insibu fil-Kap. 452 li dak li qeghda tallega r-rikorrenti li s-socjeta intimata ghamlet fil-konfront taghha jikkostitwixxi reat kriminali (ara **art. 45 tal-imsemmi Kapitolu**) u allura skond l-**artikolu 47 (1) tal-Kap. 452** iz-zmien biex tinbeda l-azzjoni huwa ta' sena mill-ghemil tar-reat. Imbaghad fis-**subartikolu (2) tal-artikolu 47 tal-Kap. 452** naraw li dan ir-reat jitqies bhala reat kontinwat fejn dan jirreferi ghan-nuqqas mill-principal li jhallas il-paga lil impjegat jew in-nuqqas li jaghti vaganzi bi hlas kif mehtieg skond l-imsemmi Att jew kif speċifikat b'xi ordni ta' standard nazzjonali jew b'ordni biex jirregola settur. Dak li qeghda tallega r-rikorrenti fil-konfront tas-socjeta intimata huwa li din ma osservatx dak li tghid il-ligi (Kap. 452) fi żminijiet differenti u ghalhekk huwa applikabbli ghal dan il-kaz dak li jghid **l-artikolu 2154 (1) tal-Kapitolu 16** u cioe: "*Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni*

*kriminali*". Dan iwassalna ghal dak li jghid **l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9)** u cioe li "*Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista'tiżdied minn grad sa żewġ gradi*". Issa skond **l-artikolu 691 (1) tal-Kapitolu 9** "*… iż-żmien tal-preskrizzjoni … għar-reati kontinwati, mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-liġi …*".

iv. Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti qeghda issostni li dawn l-allegati nuqqasijiet da parti tas-socjeta intimata baqghu ghaddejjin sa l-ahhar ġurnata ta' impjieg taghha u cioe s-6 ta' Settembru, 2011. Il-kawza odjerna ġiet intavolata fil-15 ta' Dicembru, 2011 u allura entro t-terminu ta' sena li trid il-ligi.

Ghalhekk, u ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mis-socjeta intimata qeghda tiġi michuda. Spejjez ta' din id-decizjoni ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta intimata.

Konsegwentement it-Tribunal qieghed jiddiferixxi dan il-kaz ghal-kontinwazzjoni ghal nhar il-Erbgha 5 ta' Frar, 2014 fis-13:00.p.m.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------